MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 131/2010

**A.A.K. Grech Bros. Limited (C34012)**

**Vs**

**Charles Mangion**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' €9,740.42 (disa' telef, seba' mija u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmu) bhala somma bilancjali fuq prezz ta' oggetti mibjugha lill-konvenut u debitament konsenjati fuq inkarigu tal-konvenut stess kif jidher mir-rendikont anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok A. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta ' 15 ta' Frar 2010 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 tal-atti u markat Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-14 ta' Marzu 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €9740.42 bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Frar 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2010.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------